I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1984

**tal-14 ta' Novembru 2016**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Gholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(2) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja li qed tmur għall-agħar, tmintax-il persuna jenħtieġ li jinżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

([1]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

*ANNESS*

Il-persuni li ġejjin jinżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi li tinsab fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012:

**Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikoli 14, 15(1)(a) u 15(1a).**

A. **Persuni**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "217. | Atef Naddaf | Data tat-twelid: 1956<br>Post tat-twelid: Fil-kampanja ta' Damasku | Ministru għall-Edukazzjoni Għolja. Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 218. | Hussein Makhlouf (magħruf ukoll bħala Makhluf) | Data tat-twelid: 1964<br>Post tat-twelid: Lattakia<br>Eks Gvernatur tal-Provinċja ta' Damasku | Ministru għall-Amministrazzjoni Lokali.<br>Maħtur f'Lulju 2016.<br>Kuġin ta' Rami Makhlouf. | 14.11.2016 |
| 219. | Ali Al-Zafir (magħruf ukoll bħala al-Dafeer) | Data tat-twelid: 1962<br>Post tat-twelid: Tartous | Ministru għall-Komunikazzjoni u t-Teknoloġija.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 220. | Ali Ghanem | Data tat-twelid: 1963<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru għaż-Żejt u r-Riżorsi Minerali.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 221. | Mohammed (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammad) Ramez Tourjman (magħruf ukoll bħala Tourjuman) | Data tat-twelid: 1966<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru għall-Informazzjoni.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 222. | Mohammed (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammad) al-Ahmed (magħruf ukoll bħala al-Ahmad) | Data tat-twelid: 1961<br>Post tat-twelid: Lattakia | Ministru għall-Kultura.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 223. | Ali Hamoud (magħruf ukoll bħala Hammoud) | Data tat-twelid: 1964<br>Post tat-twelid: Tartous | Ministru għat-Trasport.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 224. | Mohammed Zuhair (magħruf ukoll bħala Zahir) Kharboutli | Post tat-twelid: Damasku | Ministru għall-Elettriku.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 225. | Maamoun Hamdan | Data tat-twelid: 1958<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru għall-Finanzi.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 226. | Nabil al-Hasan (magħruf ukoll bħala al-Hassan) | Data tat-twelid: 1963<br>Post tat-twelid: Aleppo | Ministru għar-Riżorsi tal-Ilma.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 227. | Ahmad al-Hamu (magħruf ukoll bħala al-Hamo) | Data tat-twelid: 1947 | Ministru għall-Industrija.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 228. | Abdullah al-Gharbi (magħruf ukoll bħala al-Qirbi) | Data tat-twelid: 1962<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru għan-Negozju Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 229. | Abdullah Abdullah | Data tat-twelid: 1956 | Ministru tal-Istat.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 230. | Salwa Abdullah | Data tat-twelid: 1953<br>Post tat-twelid: Quneitra | Ministru tal-Istat.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 231. | Rafe'a Abu Sa'ad (magħruf ukoll bħala Saad) | Data tat-twelid: 1954<br>Post tat-twelid: Raħal Habran (provinċja ta' Sweida) | Ministru tal-Istat.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 232. | Wafiqa Hosni | Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru tal-Istat.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 233. | Rima Al-Qadiri (magħruf ukoll bħala Al-Kadiri) | Data tat-twelid: 1963<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru għall-Affarijiet Soċjali (minn Awwissu 2015) | 14.11.2016 |
| 234. | Duraid Durgham | | Gvernatur tal-Bank Ċentrali tas-Sirja.<br>Responsabbli għall-għoti ta' appoġġ ekonomiku u finanzjarju lir-reġim Sirjan permezz tal-funzjonijiet tiegħu bħala l-Gvernatur tal-Bank Ċentrali tas-Sirja, li huwa wkoll elenkat. | 14.11.2016". |